# AVVIŻI

1. Il-Ħadd 5 u 19 ta' April 2020 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Mejju 2020 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Ġunju 2020 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Lulju 2020 fis-6.30p.m.
   **Il-laqgħa tat-3 ta' Mejju tibda bir-rużarju min tarf it-triq il-qadima.**
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif ukoll brochure b'informazzjoni ġenerali dwar Ġuża u l-Girgenti. Dawn il-kotba u l-brochure jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz hawn fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains,* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. Kopji antiki ta' dan il-fuljett jistgħu jinqraw minn fuq il-*website*.
7. L-indirizz tal-*website* tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
8. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Best Print - Qrendi

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

**No. 122** **April 2020** **JITQASSAM BLA ĦLAS**



*Statwa ta' San Ġużepp fid-dar ta' Ġuża Mifsud*

*San Ġużepp*
*ta' qalb safja,*
*missier putattiv ta' Ġesù u*
*għarus tal-Verġni*
*Mqaddsa*
*Marija Santissima*
*itlob għalina*

**Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jawgura Għid Qaddis lill-membri kollha tal-Moviment, lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, lill-Maltin u l-Għawdxin u l-proxxmu kollu. Ġesu qalilna, "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, wkoll jekk imut igħix u kull min igħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt."**

# IR-RABTA TA' SAN ĠUŻEPP MAL-GIRGENTI

*(L-ewwel parti)*

Kif ser naraw, San Ġużepp għandu rabta kbira mal-Girgenti. Mhux biss insibu l-istatwa tiegħu, imma Ġuża tallega li kellha dheriet minn dan il-qaddis, naraw x'kellha tgħid il-Madonna dwaru, ir-rabta mal-qanpiena, mas-sorijiet 'Madonna tal-Konsagrazzjoni', il-mewt ta' Ġuża Mifsud u l-quddies fil-Girgenti.

## DHERIET MINN SAN ĠUŻEPP

L-istatwa ta' San Ġużepp ġiet imbierka fil-5 ta' Mejju 1996, eżatt għaxar snin wara li tqegħdet l-istatwa tal-Madonna. X'wassal li titqiegħed din l-istatwa hemmhekk? Ġuża Mifsud tirrakkonta illi, "Fis-6 ta' Ottubru 1993 kont tlajt fir-razzett tagħna l-Girgenti li issa qiegħed għand it-tfal ta' ħija, u t-tifel ta' ħija kien qalli: 'Hemm ma tistax timxi għax għadni nsaqqih.' Kif dħalt ġo din l-għalqa saqajja niżluli t-tnejn kważi sa rkubbtejja, imma dak il-ħin kelli viżjoni sabiħa ħafna. Fejni rajt lill-imqaddes San Ġużepp li qabad u tani l-bastun tiegħu f'idi. Dan il-bastun tant kien sabiħ u kbir, kważi kien itwal minni. Kieku ma kienx dan l-imqaddes San Ġużepp kont naqa' fil-wied imma salvjat u għadni ħajja sallum.



Hemmfuq huwa qalli biex nagħmel l-istatwa tiegħu ħalli nqajjem devozzjoni lejh. Dakinhar kelli miegħi it-tifel ta' ħija u wieħed ieħor."



Għalkemm Ġuża tħabtet ferm biex issir din l-istatwa iżda b'dispjaċir f'Settembru 1995 ammetiet illi, "Ilni minn dik il-ġurnata ta' Ottubru ta' sentejn ilu nitħabat għal din l-istatwa imma San Ġużepp għadu mhux fl-inħawi tal-Girgenti fejn is-Sinjura tal-Ħajja."

Dakinhar stqarret ukoll illi kellha vizjoni oħra ta' San Ġużepp. Filfatt hija tirrakkonta hekk, "L-ewwel kelli xi ħaġa mal-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija flimkien mas-Sinjura tal-Ħajja, imbagħad iltqajt mal-qaddis tiegħi San Ġużepp. Ħa ngħidilkom ħbieb li dawn l-affarijiet Alla jaqlagħhomli fit-talb, talb ħiereġ minn qalbi, minn ruħi, talb nadif, onest, eċċ.

Ħa nkompli ngħidilkom li jiena rajt lil dan l-għarus divin tal-Madonna, lil San Ġużepp u meta tara l-ħajja fuq dawn l-affarijiet tiġġennen... Issa ħa niġbed ftit minn dak li ħassejt u smajt minnu llum. Tant rajtu divin, fuqu kellu tonika tant kienet sabiħa u fl-id il-leminija kellu t-tarbija divina. Din it-tarbija divina tant rajtha sabiħa. Kemm-il darba iltqajt mal-Madonna bil-Bambin fuqha imma ħa ngħidilkom li l-libsa li rajt lill-Bambin biha din id-darba kienet mitfugħa ħafna fuq ir-roża. Fl-id l-oħra kellu bastun li fih kien hemm ġiljuwa bajda sabiħa.

Dan San Ġużepp qalli: 'Għażiża Binti, il-qawwa tal-Mulej ippermettiet ħafna affarijiet sbieħ u divini. Fil-passat, meta konna fid-dinja aħna, jiena u s-Sinjura tal-Ħajja flimkien mal-Mulej Ġesù kif tgħid inti, kien hawn ukoll tħarbit u ħażen. L-għira waslet biex lill-Iben t'Alla li ġie biex jagħti l-paċi lid-dinja u jgħaqqad in-nies bl-imħabba, ineħħuh mid-dinja.'

Ħa naqta' fil-qasir, imma San Ġużepp kompla jgħidli: 'F'dan iż-żmien id-dinja kollha għaddejja minn kalvarju kbir ta' dlam, ta' ħażen, nies bla ħniena, nies li jivvintaw id-dlam, il-gwerer, nies li minflok li jużaw il-ħniena bħal aħwa jużaw il-meżżi tal-kalvarju li għaddejja minnu d-dinja, strumenti kbar u koroh tal-gwerer, qed jitneħħew ħafna nies ta' qalbhom tajba, nies innoċenti iwarrbuhom minn nofs biex isaltnu dawn in-nies vjolenti, nies ta' qalbhom iebsa daqs il-bronż.'

Smajtu jgħidli: 'Itlob ħafna għall-bżonnijiet tal-Knisja, għall-bżonnijiet tar-rappreżentanti tal-Knisja b'mod speċjali għall-Papa. Ir-rappreżentanti tal-ġnus iduru kontra t-tajjeb, lit-tajjeb ma jistmawhx u qegħdin joqtlu u jwarrbu ħafna nies li huma ta' rieda tajba. Ħa ngħidlek li dawn l-affarijiet kważi qegħdin isiru kullimkien, fid-dinja kollha, għaliex ħadd minnhom ma jsejjaħ lill-kbir Alla, biex Alla jirrenja l-ewwel u qabel kollox imma ħa ngħidlek li ħafna minnhom lanqas jafuh.'

Kompla jgħidli: 'Fittex tella' l-istatwa ta' Ġesù kif rajtu jbati waqt li kont qegħda tagħmel meditazzjoni fuq it-tbatija li bata u mill-aktar fis agħmel l-istatwa tiegħi ukoll. Issa dik affari tiegħek kif tagħmilha jekk hux kif rajtni sentejn ilu jew kif qegħda tarani llum. Fuq il-lapida agħmel li dawn l-affarijiet tajthomlok jiena fil-ġurnata tallum.'

Qalli: 'Irreferi ħafna għall-paċi, warrab minnek li qegħda fil-mard u żid il-kelma tal-paċi. Il-Mulej Ġesù ġie fid-dinja biex iġib il-paċi, l-għażiża Madonna qegħda tidher biex iġġib il-paċi fid-dinja. Kompli ppriedka ħafna fuq il-paċi. Ikkuntattaw bejnietkom bħal aħwa biex tiġi l-vera paċi tas-sema, il-paċi ta' Alla u m'hux dan it-tħarbit kollu li hawn fid-dinja: setet ħżiena, tħarbit tad-dimonju. Bħalissa l-qawwa ta' l-infern qegħda fl-aqwa tagħha imma ngħidlek li b'daqshekk ma hu ħa jagħmel xejn. Itolbu u ishru intom il-Maltin li intom ta' rieda tajba, li intom magħqudin mal-Knisja Kattolika. Id-dinja fadlilha ftit ieħor f'dan it-tħarbit, fid-dlam li qiegħed iġib id-dimonju li qed jivvinta dawn il-gwerer u l-għawġ, iħeġġeġ l-erwieħ ta' madwaru biex jagħmlu l-ħażen. Dak li qed jagħmel bħalissa tad-dlamijiet, iħeġġeġ u jqajjem rieda ħażina f'dawk il-qlub iebsa li ma jridux jafu bl-imħabba t'Alla.'

Kif stajt nifhem jiena, id-dinja u Malta għad baqalhom jgħaddu minn xi dlam, iżda jekk aħna nitolbu u nishru, il-Mulej ma jdumx ma jkaxkar lix-xitan u jitfgħu f'postu darba għal dejjem.

San Ġużepp kompla jgħidli: 'Itlob ħafna bħalma qegħda tagħmel u ġiegħel lil dawk kollha li huma miegħek biex jitolbu ħalli l-kbir Alla jisma' l-ħeġġa ta' dan it-talb u jekk għandu jsir xi ħaġa fuq Malta l-Mulej iżommha kif għamel drabi oħra.'

Imbagħad kompla jgħidli: 'Il-qawwa divina ta' Alla flimkien mad-dinja għoġobhom jagħmluni mal-Mulej Ġesù u l-Madonna biex nieħu ħsieb tal-Knisja Kattolika, il-vera knisja t'Alla għax hawn ħafna knejjes li ma hemmx fihom dak li jrid il-kbir Alla. Barra minnhekk jiena nieħu ħafna ħsieb ta' dawk l-erwieħ li huma ta' rieda tajba u nqarrabhom ħafna lejn il-ġustizzja nfinita t'Alla, ta' Ġesù ta' l-Ewkaristija. Jiena l-protettur ta' l-agonizzanti, jiena nressaq l-agonizzanti quddiem il-ħniena t'Alla u ta' Ibnu Ġesù.'"

*(Ikompli f'ħarġa oħra.)*

**Sylvana Spiteri LL.D**



## TALBA LIL SAN ĠUŻEPP

O Mqaddes Ġużeppi, fil-hemm li fih ninsabu, lejk nirrikorru u b'tama qawwija nsejħu l-patroċinju tiegħek, wara dak tal-Għarusa Mqaddsa tiegħek.

Mela f'ġieħ dik ir-rabta għażiża ta' mħabba li biha kont marbut max-Xebba bla tebgħa, omm Alla, u f'ġieħ dik l-imħabba ta' missier li biha ħabbejt lit-tfajjel Ġesù, nitolbuk li tħares ħarsa ħelwa lejn il-wirt għażiż, li Ġesù Kristu rebaħ b'demmu, u bis-setgħa u bil-għajnuna tiegħek tidħol għalina fil-bżonnijiet tagħna.

Kif int, O Ġużeppi, kont taħseb f'din l-art għall-Familja Mqaddsa u tħarisha, hekk ukoll ħu ħsieb tal-familja maħtura ta' Ġesù Kristu. Eqred minn ġo nofsna, Missier ħanin, din il-pesta ta' erruri u ta' ħażen li qegħdin imarrdu d-dinja. Ieqaf magħna mis-smewwiet, f'din il-gwerra li għandna mal-qawwa tad-dlamijiet, O Protettur qawwi tagħna. U kif darba ħlist mill-mewt lill-Bambin Ġesù, hekk issa iddefendi l-Knisja Mqaddsa t'Alla mit-tnassis tal-għedewwa u minn kull hemm.

Xerred dejjem fuq kull wieħed u waħda minna l-patroċinju tiegħek, sabiex bl-eżempju u bil-għajnuna tiegħek, nistgħu ngħixu ħajja qaddisa, nagħmlu mewta tajba, u naqilgħu l-hena ta' dejjem ġewwa l-ġenna. Ammen.

# XOGĦOL TA' MANUTENZJONI FIL-GIRGENTI

F'dawn l-aħħar xhur u ġimgħat sar diversi xogħol ta' manutenzjoni fil-Girgenti. Il-konkos fuq iċ-ċint tan-naħa ta' isfel kien spiċċa u l-grada kienet saddet. It-travi li hemm fit-triq ukoll kienu sewsu. Wara kważi tletin sena kien wasal iż-żmien li jinbidlu biex mhux biss jagħtu dehra isbaħ lil post imma wkoll biex joffru protezzjoni u sigurtà għal min jitla l-Girgenti.



*Iċ-ċint imkaħħal, kanen u grada ġdida*



*It-travi kollha ġew mibdula u miżbugħa*



# IL-LAQGĦA TAT-3 TA' MEJJU 2020

Kien sewwa sew il-5 ta' Mejju 1986, erba' u tletin sena ilu, illi b'tant kuraġġ u rieda soda Ġuża tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Hija ħaġa ferm sabiħa li n-nies jitilgħu il-Girgenti f'kull ħin tal-ġurnata jiftħu qalbhom ma' dik l-omm li tana Ġesù stess fuq is-salib, iżda jkun ħafna u ħafna xieraq li apparti dan niddedikaw il-lejla tal-Ħadd 3 ta' Mejju lil Ommna Marija. Il-laqgħa tibda fis-6.00pm bir-rużarju minn tarf it-triq il-qadima fejn nerġgħu inġeddu t-triq li minnha kienet telgħet l-istatwa erba' u tlieta sena ilu. Min għar-raġunijiet ta' saħħa ma jkunx jista' jibda l-laqgħa mit-triq il-qadima jkun xorta jista' jgħid ir-rużarju ħdejn l-istatwa. Il-laqgħa mbagħad tkompli b'talb, kant u b'tifħir lil Alla. Niltaqgħu ilkoll flimkien, nitolbu flimkien u nirringrazzjaw lis-sema flimkien.

# KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI LILL-QALB IMQADDSA TA' ĠESÙ U L-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA

Ġuża Mifsud kienet magħrufa ma' ħafna Siġġiwin għall-ammont kbir ta' familji li kienet ħejjiet sabiex jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom. Dawk li jixtiequ jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja waqt il-laqgħa tat-3 ta' Mejju 2020 huma ġentilment mitluba jgħaddulna d-dettalji tagħhom: email: ourladyofconsecration@gmail.com jew Facebook (Madonna tal-Konsagrazzjoni) jew ittra f'6, Sqaq 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi jew ikellmu lill-membri tal-Kumitat jew iċemplu 21468109.

## TALBA

Sinjur Alla tal-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*